MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 905/2006

**Arthur Galea**

**vs**

**Joseph Grech u b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar 2007, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjeni fil-kawza 'Motor Insurance Pool'**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf ta' Arthur Galea, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Fis-27 ta' Frar 2004, f'Siggiewi By-Pass, is-Siggiewi, sehh incident awtomobilistiku bejn ic-*charabanc* bin-numru tar-registrazzjoni BBY 500 misjuqa mill-intimat Joseph Grech u l-coach bin-numru tar-registrazzjoni LCY 858 misjuqa mir-rikorrent Arthur Galea u dakinhar proprjeta' ta' missieru John Galea;

L-incident in kwistjoni sehh minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess intimat li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u qasam it-triq u habat fil-coach misjuqa mir-rikorrent u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-assikurazzjoni tal-intimat hallset lill-missier ir-rikorrent tal-hsarat fil-*coach* misjuq mir-rikorrent;

Ir-rikorrent sofra danni ingenti konsistenti principalment f'dizabilta' serja u permanenti f'idu l-leminija li skont ic-certifikat mediku hawn anness (Dok. AG2) tammonta ghal tlieta u tletin fil-mija (33%) tan-noral, oltre danni ohra fuq il-persuna illi jillimitaw serjament ix-xoghol tieghu konness mal-vetturi tieghu u tan-negozju tal-familja u liema danni ssarrfu f'telf ta' qliegh attwali u futur;

Illum il-gurnata huwa proprjetarju ta' zewg *coaches* inkluz il-*coach* li gie importat minflok dak involut fil-habta u ghandu sehem ta' tnejn minn hamsa (2/5) tal-azjenda tal-familja;

Minhabba l-inkapacita' tieghu, ix-xoghol li qabel kien jaghmel hu bhala *mechanic* u *sprayer* fuq il-*coaches* kollha tal-familja, ma jistax jaghmlu izjed u kellu jqabbad barranin;

L-intimat gie debitament interpellat permezz ta' ittri ufficjali datati 16 ta' April 2004 (Dok. AG4) u 12 ta' Jannar 2005 (Dok. AG5) sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-incident imsemmi, izda baqa' inadempjenti.

Talab ir-rikorrent jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara l-intimat Joseph Grech unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-27 ta' Frar 2004 f'Siggiewi By-Pass, is-Siggiewi bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni

BBY 500 u LCY 858, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mir-rikorrent;

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent in linea taa' danni s-somma likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-16 ta' April 2004 u tat-12 ta' Jannar 2006 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan ir-Rikors Mahluf, kontra l-assikurazzjoni tal-intimat ai termini tal-Kap. 104, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Frar 2007, li permezz tieghu, il-Qorti awtorizzat l-intervent fil-kawza ta' Motor Insurance Pool in statu et terminis.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Motor Insurance Pool, li permezz taghha eccepiet illi:

Motor Insurance Pool hija l-assikuratur tal-vettura Nru. EBY 500 li waqt l-incident mertu ta' din il-kawza kienet qed tinsaq mill-intimat Joseph Grech. Dan ghamel claim dwar dan l-incident de quo u ddelega lil Motor Insurance Pool sabiex titratta kull kwistjoni relatata mal-incident. ir-responsabilta' tal-intimat ghall-incident kienet accettata u Motor Insurance Pool bdiet titratta l-kwistjoni tad-danni mar-rikorrent <u>qabel</u> saret din il-kawza. Fil-fatt, <u>qabel</u> saret din il-kawza, qatt ma kien hemm oppozizzjoni da parti ta' Motor Insurance Pool sabiex favur ir-rikorrent jigu likwidati u jekk ikun il-kaz isir eventwali hlas tad-danni minnu attwalment u materjalment subiti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Waqt it-trattattivi li saru bejn il-partijiet u r-rapprezentanti taghhom <u>qabel</u> saret din il-kawza, id-divergenza principali kienet dwar l-entita' tat-telf futur tar-rikorrent, kif jigi spegat

ahjar u fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Dwar ir-rata tad-dizabilta' permanenti tar-rikorrenti, kien hemm qbil li din kienet tammonta ghal tlieta u tletin fil-mija (33%).

Fl-isfond tal-premess, jispetta lir-rikorrent li fl-ewwel lok jipprova n-natura tad-danni tieghu u fit-tieni lok jirreklama dawk id-danni lilu spettanti skont il-ligi taghna.

Fi kwalunkwe kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu a kariku tar-rikorrent ghaliex qabel saret din il-kawza, Motor Insurance Pool kienet disposta thallas lir-rikorrent id-danni li kien haqqu.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Joseph Grech, li in forza taghha eccepixxa illi:

L-esponent jichad li fl-okkazzjoni tal-incident in kwistjoni huwa kien traskurat jew volutament naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku.

Fis-27 ta' Frar 2004, l-esponent kien isuq xarabank EBY-500 f'Siggiewi By-Pass, is-Siggiewi, lejn id-direzzjoni ta' Haz Zebbug. F'hin minnhom gie magenb mutur li kien qed jinsaq fl-istess direzzjoni fuq in-naha ta' gewwa tat-triq meta gew f'kisra hafifa fl-istess triq u waqt li l-esponent kien attent biex ma jmissx lill-mutur jew jaghfsu mal-genb bix-xarabank, gibed wisq 'il barra u xiref gol-*lane* l-iehor minn fejn f'dak il-hin kien gej l-attur isuq kowc u saret il-habta.

B'danakollu, l-esponent ghamel claim mal-assiguraturi tieghu dwar l-istess incident, u dawn min-naha taghhom kienu accettaw ir-responsabilta' civili tal-assigurat taghhom ghall-incident in kwistjoni u sahansitra kienu nbdew trattattivi dwar il-kwistjoni tad-danni. Minkejja dan, l-attur xorta wahda pproceda b'din il-kawza. L-esponent ma kienx partecipi f'dawn it-trattattivi, pero', l-esponenti jinsab informat li d-divergenzi min-naha tal-attur kienet tirrigwarda l-entita' tal-kumpens li kien qed jippretendi.

Ghalhekk, l-esponent m'ghandux jigi akkollat spejjez ta' dawn il-proceduri billi din il-kawza saret inutilment.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2007, fejn id-difensuri tal-attur u ta' Motor Insurance Pool qablu li l-Pool imsemmi kien accetta r-responsabilta' civili tal-konvenut ghall-incident, qablu wkoll illi d-divergenza kienet limitata ghall-kalkolu tad-danni. Qablu inoltre illi l-grad ta' dizabilta' permanenti hija stabbilita fi grad ta' 33%.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur u Motor Insurance Pool.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-konvenut Joseph Grech, ghalkemm donnu beda biex jikkontesta r-responsabilta' tieghu ghall-incident, la qatt ressaq provi u lanqas ma ghamel sottomissjonijiet finali.

Il-vertenza f'din il-kawza giet limitata ghall-kwantifikazzjoni tad-danni, dan in vista tal-verbal tas-seduta fuq imsemmija fejn Motor Insurance Pool accettat ir-responsabilta' taghha, kif del resto kienet diga' ghamlet fir-risposta mahlufa taghha, fejn irreferiet ukoll ghall-qbil milhuq bejn iz-zewg partijiet rigwardanti l-percentwali ta' dizabilta'.

L-Art. 1045 jistabilixxi l-principju illi:

"***1045.*** *(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba*

*inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*"

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fl-izvilupp prattiku ta' dan il-principju hija vasta u komprensiva. Giet recentement estensivament migbura minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "Borg vs Untours Insurance Agency Limited" (deciza fit-30 ta' Mejju 2013) u minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza "Abdilla vs Cumbo" (deciza fit-23 ta' Ottubru 2013). Ghal dawn is-sentenzi, il-Qorti taghmel pjena referenza.

Fil-kaz in ezami, id-diffikulta' li pprezentat ruhha ghall-Qorti kienet essenzjalment limitata ghall-istabbilir tal-introjtu tal-istess rikorrent li mbaghad il-Qorti kellha tikkalkula fuq permezz tas-solitu multiplier, kif stabbilit minn "Butler vs Heard" 'l hawn, u dan kemm riferibbilment ghaz-zmien li ghandu jkun bazi tal-introjtu tad-danneggat kif ukoll ghall-kwantifikazzjoni stess tal-introjtu. Il-provi prodotti dwar l-introjtu tad-danneggat huma ftit.

Jirrizulta illi fiz-zmien tal-incident, l-attur kien impjegat fin-negozju ta' missieru bhala xufier. Fl-2003 kellu paga dikjarata ta' Lm3,359. Isostni pero' li ma' dan l-ammont, missieru kien jghaddilu ukoll hlas ghal xoghol iehor li kien jaghmel bhala mechanic u sprayer fuq il-vetturi. Sorprendentement, fis-sena 2006, meta bdew dawn il-proceduri, il-paga dikjarata jidher li telghet ghal Lm8,800 u s-sena ta' wara ghal Lm8,891. Provi ta' qliegh barrani ma ngabux. Ghalkemm l-attur jiddikjara li kien jithallas minn missieru stess, dan qatt ma tressaq bhala xhud. Ic-cheques kollha li kopji taghhom gew prezentati in atti kollha nhargu, sorprendentement ukoll, f'dati wara l-incident.

Ghalkemm din il-Qorti f'dawn il-proceduri mhijiex tenuta li tkun arbitru tal-moralita' fiskali tal-partijiet, ma tista' tkun

qatt kompartecipi f'ezercizzji li jistghu b'xi mod jigu deskritti bhala skorretti.

Lanqas ma tista' din il-Qorti tinjora dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Cardona vs Zammit et" (deciza fl-20 ta' Marzu 2009), fejn il-Qorti rriteniet illi:

"*Din il-Qorti mhix lesta li tiehu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-lucrum cessans introjtu li l-appellant ma huwiex lest li jiddenunzja ghall-finijiet tat-taxxa.*"

Ara wkoll "Debrincat vs Vella" (deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 1942).

Din il-Qorti ma tistax tasal biex tistabilixxi figura ta' introjtu ohra barra dik dikjarata. Il-figuri elenkati fid-dokument (esebit in atti a fol. 67) mhuma sorretti b'ebda dokument affidabbli. Patrick Rizzo, persuna li tiehu hsieb il-kontijiet tan-negozju, xehed illi hu dwar pagamenti extra u qsim ta' profitti lill-ulied ma kien jaf xejn. Anzi, il-Qorti tinnota l-inkonsistenzi grossi bejn il-figuri elenkati fih, cioe' aktar minn €40,000 ghas-snin 2006 u 2007 u l-FS3 tas-sena 2007 bl-ammont ta' Lm8,891. Anke mill-istess dokument redatt minn Patrick Rizzo, soprendentement, l-attur jidher li fis-sena 2008 ippercepixxa sitt elef ewro aktar minn missieru u sebat elef aktar minn huh. Fid-dawl tal-inkonsistenzi, il-Qorti ser taddotta l-ahhar ammont dikjarat fil-formola FS3.

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi wkoll, din il-Qorti ser tibbaza l-kalkolu ghas-snin 2004 sal-2008 fuq introjtu kif dikjarat fid-dokumenti FS3, b'dana illi ghas-sena 2004 u s-sena 2005 qed taccetta dhul simili ghas-sena 2003, u cioe', ghalhekk, ammont komplessiv ta' Lm36,659.

Jirrizulta illi fis-sena 2009, missier l-attur ghadda n-negozju liz-zewg uliedu. Il-qliegh tan-negozju beda jinqasam bejn iz-zewg ulied. Issa, dawn il-Qrati jaccettaw illi, minkejja l-principji dwar kalkoli kif dettati minn "Butler vs Heard" li huma ntizi biex jahsbu ghall-incertezza tal-qliegh fil-futur, meta danneggjat ikollu prospetti fattibbli ta'

qliegh fil-futur, il-Qorti ghandha tuzaha d-diskrezzjoni taghha sabiex id-danneggjat jigi effettivament risarcit.

Madanakollu, hawnhekk ukoll, il-Qorti ssib mankanza ta' provi sabiex tikkalkula l-introjtu. Il-ftit Vat returns li gew prezentati mhumiex ta' wisq ghajnuna u jirreferu biss ghas-sena meta l-ahwa assumew l-operazzjoni. Ma ngabet lill-Qorti ebda prova tal-qliegh li kien jaghmel il-missier mill-attivita' li ceda, ghajr id-dokument redatt mill-persuna li zzomm il-kontijiet granet qabel ma xehdet fil-Qorti. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti qieghda tuza' d-diskrezzjoni taghha u tikkalkula d-dhul futur tar-rikorrenti fuq bazi tal-ahhar FS3 tieghu li maghha l-Qorti qed izzid ghaxra fil-mija ghax tifhem li galadarba issa l-qliegh kollu tal-attivita' ser jinqasam bejn zewg ahwa ad eskluzjoni tal-missier, id-dhul wisq probabilment ser jizdied. Fuq dan il-bazi ser tuza' multiplier ta' 30.

Ghalhekk;   (2004 – 2008) = Lm36,659
Lm9,780 x 30 (ghall-futur) = Lm293,400 +
Total = Lm330,059
33% = Lm108,919

Peress illi l-incident gara fis-sena 2004, mhu qed isir ebda tnaqqis ghal "lump sum payment".

Motor Insurance Pool issostni li peress illi kienet disposta thallas lir-rikorrenti anke qabel ma nbdiet il-kawza, m'ghandhiex issa tbati spejjez. Il-Qorti ma tistax taghtiha ragun.

Il-Qorti m'ghandha ebda informazzjoni dwar x'offriet thallas Motor Insurance Pool, ghax dawn ix-xorta ta' negozjati per forza jsiru "bla pregudizzju", madanakollu l-istess Motor Insurance Pool setghet tinheles minn xi spejjez kieku ghaddiet biex tiddepozita fil-Qorti dak li qieset kien kumpens xieraq. Dan m'ghamlitux.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti minn Arthur Galea fl-ammont ta' mitejn u tlieta u hamsin elf, seba' mija u tlettax-il ewro u zewg centezmi

(€253,713.02) ekwivalenti ghal mija u tmint elef, disa’ mija u dsatax-il lira Maltin (Lm108,919); tikkundanna lil Joseph Grech u Motor Insurance Pool ihallsu lil Arthur Galea s-somma ta’ mitejn u tlieta u hamsin elf, seba’ mija u tlettax-il ewro u zewg centezmi (€253,713.02), bl-ispejjez u imghaxijiet legali kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph Grech u Motor Insurance Pool.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------